b. Sussidjarjament, is-sentenza kisret il-prinċipju ta’ kumpens għaliex naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-ewwel penalità meta ddeterminat it-tieni penalità.

c. B’mod iktar sussidjarju, is-sentenza żbaljat fil-liġi billi naqset tapplika l-prinċipju ta’ offiżi konkorrenti: il-ksur allegat tal-obbligu ta’ notifika fl-Artikolu 4(1) kien l-offiża iktar speċifika u għalhekk assorbiet il-ksur allegat tal-obbligu ta’ waqfien fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, li kienet l-offiża iktar ġenerali.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta’ Jannar 2004 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-8 ta’ Jannar 2018 – Sole-Mizo vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága**

**(Kawża C-13/18)**

(2018/C 142/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Sole-Mizo Zrt.

*Konvenut:* Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

**Domandi preliminari**

1) Ir-regoli tad-dritt Komunitarju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta’ 28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) (iktar ’il quddiem “id-Direttiva VAT”) (fid-dawl, b’mod partikolari, tal-Artikolu 183 tagħha), u l-prinċipji ta’ effettività, ta’ effett dirett u ta’ ekwivalenza jipprekludu prassi interna ta’ Stat Membru fl-applikazzjoni tar-regoli rilevanti fil-qasam ta’ interessi moratorji, li bis-saħħa tagħha l-awtorità fiskali nazzjonali ma wettqitx ksur (nuqqas), jiġifieri li ma kienx hemm min-naħa tagħha dewmien ta’ ħlas fir-rigward tal-parti li ma tistax tinġabar tal-VAT fuq l-akkwisti mhux irregolati tal-persuni taxxabbli, għaliex, fiż-żmien fejn l-awtorità fiskali nazzjonali ħadet deċiżjoni, il-kundizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra d-dritt Komunitarju kienet regola fis-seħħ u l-inkompatibbiltà ta’ din il-kundizzjoni mad-dritt Komunitarju ġiet ikkonstatata biss iktar tard mill-Qorti tal-Ġustizzja?

2) Id-dritt Komunitarju, b’mod partikolari d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva VAT (fid-dawl b’mod partikolari tal-Artikolu 183 tagħha), il-prinċipju ta’ ekwivalenza, kif ukoll il-prinċipji ta’ effettività u ta’ proporzjonalità, jipprekludu prassi interna ta’ Stat Membru li, fl-applikazzjoni tar-regoli rilevanti fil-qasam ta’ interessi moratorji, jagħmel distinzjoni li tipprovdi li n-nuqqas ta’ rimbors tat-taxxa mill-awtorità fiskali jseħħ fl-osservanza tar-regoli tad-dritt nazzjonali fis-seħħ li jirriżultaw li jkunu kuntrarji għad-dritt Komunitarju jew li jiksruh, billi jidentifika, fir-rigward tar-rata ta’ interessi fuq il-VAT li ma tistax tinġabar f’terminu raġonevoli minħabba kundizzjoni ta’ dritt nazzjonali ġġudikata li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, żewġ perijodi distinti kkaratterizzati minn dan li

— għall-ewwel perijodu – peress li l-leġiżlazzjoni Ungeriża li tmur kontra d-dritt Komunitarju kienet għadha fis-seħħ fiż-żmien u li, għaldaqstant, l-awtoritajiet fiskali Ungeriżi ma wettqux ksur billi ma awtorizzawx ir-rimbors f’terminu raġonevoli tal-VAT imsemmija fil-fatturi –, il-persuni taxxabbli setgħu jitolbu biss, abbażi ta’ interessi moratorji, interessi bir-rata bażika tal-Bank Ċentrali, filwaqt li,

— għat-tieni perijodu, hemm lok li jitħallsu interessi bid-doppju tar-rata bażika tal-Bank Ċentrali meħuda bħala riferiment mid-dritt Ungeriż f'każ ta' dewmien, iżda biss għall-ħlas tard tal-interessi moratorji kif huma kkalkolati għall-ewwel perijodu?

3) L-Artikolu 183 tad-Direttiva VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipju ta' ekwivalenza jipprekludi prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħha n-nuqqas tar-rimbors tal-VAT jagħti lok għal ħlas ta' interessi mill-awtorità fiskali bis-sempliċi rata bażika tal-Bank Ċentrali f'każ ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda bid-doppju ta' dik ir-rata f'każ ta' ksur tad-dritt intern?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja) fis-17 ta' Jannar 2018 – Cobra Servicios Auxiliares, S.A. vs FOGASA, José David Sánchez Iglesias e Incatema, S.L.**

**(Kawża C-29/18)**

(2018/C 142/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Cobra Servicios Auxiliares, S.A.

*Konvenuti:* FOGASA, José David Sánchez Iglesias e Incatema, S.L.

**Domandi preliminari**

1) Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien determinat, li tinsab fl-Anness tad-Direttiva 1999/70 (1), għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, bis-saħħa tal-istess ċirkustanzi fattwali (it-terminazzjoni tal-kuntratt bejn il-persuna li timpjega u impriża terza fuq rieda ta' din tal-aħħar), tipprevedi allowance minuri minħabba t-terminazzjoni ta' kuntratt għal żmien determinat għat-twettiq ta' xogħlijiet jew servizz relatata mat-tul tat-terminu tal-kuntratt, bħal dik għat-terminazzjoni tal-kuntratti indefiniti ta' ħaddiema paragunabbli, minħabba tkeċċija kollettiva ġġustifikata għal raġunijiet produttivi tal-impriża li jirriżultaw minn tmiem l-imsemmi kuntratt?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, in-nuqqas ta' trattament ugwali tal-allowance minħabba terminazzjoni kuntrattwali ġġustifikata għal ċirkustanzi fattwali identiċi anki jekk abbażi ta' raġunijiet ġuridiċi differenti, bejn ħaddiema b'kuntratt għal żmien determinat u ħaddiema b'kuntratt għal żmien indeterminat paragunabbli, għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkostitwixxi diskriminazzjoni pprojbita fl-Artikolu 21 tal-Karta li tirriżulta kuntrarja għall-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni msemmija fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, li jiffurmaw parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni?

(1) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

---